

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/951

tas-26 ta' Ġunju 2020

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-punt (a)(v) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova ⁽²⁾ (Il-Ftehim) ġie ffirmat fis-26 ta' Ġunju 2012, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, f'konformità mad-Deċiżjoni 2012/639/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill ⁽³⁾.
- (2) Il-Ftehim ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha minbarra r-Repubblika tal-Kroazja, li taderixxi mal-Ftehim f'konformità mal-Att ta' Adeżjoni tal-2012. Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Kroazja ⁽⁴⁾ ġie ffirmat fit-22 ta' Lulju 2015 f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1389 ⁽⁵⁾.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat fisem l-Unjoni.
- (4) L-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2012/639/UE jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet u dwar ir-rappreżentanza fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet stabbiliti fil-Ftehim. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 2015 fil-Każ C-28/12 ⁽⁶⁾, *Il-Kummissjoni vs il-Kunsill*, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet titwaqqaf. Wara li ġew ikkunsidrati t-Trattati, mhumiex meħtieġa dispożizzjonijiet ġodda dwar dawk il-kwistjonijiet u d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-ġhoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni stipulati fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2012/639/UE mhumiex aktar meħtieġa. Konsegwentement, jenħtieġ li l-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 4 u l-Artikoli 5 u 6 tad-Deċiżjoni 2012/639/UE jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni. ⁽⁷⁾

⁽¹⁾ Il-kunsens tas-17 ta' Ġunju 2020 (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 292 20.10.2012, p. 3.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni 2012/639/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova ((ĠU L 292, 20.10.2012, p. 1).

⁽⁴⁾ ĠU L 215, 14.8.2015, p. 3.

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1389 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 215, 14.8.2015, p. 1).

⁽⁶⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' April 2015, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, il-Kawża C-28/12, ECLI:EU:C:2015:282.

⁽⁷⁾ It-test tal-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 292, 20.10.2012, p. 3, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 29(1) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fir-rigward ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt skont il-punt (a) tal-Artikolu 26(7) tal-Ftehim li jikkonċernaw l-inklużjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni fl-Anness III għall-Ftehim, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni, wara li tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni lill-Kunsill jew il-korpi preparatorji tiegħu, kif deċiż mill-Kunsill.

Artikolu 4

Il-paragrafi 2 sa 5 tal-Artikolu 4 u l-Artikoli 5 u 6 tad-Deċiżjoni 2012/639/UE għandhom jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

A. METELKO-ZGOMBIĆ
